Minuti tal-Laqgħa Nru. 60 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 21 ta' April 2009, fit-1.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Angelo Attard |
| | Is-Sinjura Emanuela Muscat |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

## Aġenda

1. Minuti;
2. Korrispondenza;
3. Abbozz ta' l-Estimi ghas-sena 2009-10;
4. Part-time Clerk;
5. Jum Hal Ghaxaq;
9. Suggerimenti mill-Kunsilliera.

GĦAXAQ

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 59 kienu ċirkolati u ttiehdu bħala moqrija. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm rimarki dwar il-korrettezza taghhom u peress li ma kienx hemm kummenti, ppropona li jkunu approvati. Issekondat il-Kunsillier Rose Agius u gew approvati unanimament.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Segretarju nfurmat li minn l-ahhar Seduta tal-Kunsill kienet irceviet:

a. Minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali stedina lis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv għal laqgħa li saret fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru nhar l-Erbgha 15 t'April 2009 fil-5:00 ta' wara nofs in-nhar dwar ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

b. Mill-Ufficcju tal-Prim Ministru gejna infurmati dwar laqgha li saret nhar it-Tnejn 6 ta' April 2009 fuq diversi mizuri;

1. l-Iskema ghal aktar Accessibilita'.
2. Titjib fil-kwalita' ta' hajja fi nhawi rurali u diversifikazzjoni ta' l-ekonomija Rurali.
3. Konservazjoni u titjib fil-livell tal-wirt rurali.

Ghal din il-laqgha attenda s-Sindku w qal li l-laqgha kienet dwar il-fondi li jistghu jinkisbu. Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju marru l-ufficcju tal-MEUSAC fejn gabru informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet. Is-Sindku qal li biex il-Kunsill ikun jista jikseb fondi jrid johloq tip ta attrazzjoni ghat-turisti. Jistghu jigu kkuntatjata nies li jahdmu l-artigjanat biex dawn jesibixxu xoghol minn taghhom, kif ukoll isiru wirjiet b'ritratti antiki. Dawn jistghu isiru f'hanut li hemm maghluq u li l-Kunsill jista jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet ghad-devoluzzjoni tieghu.

Is-Sur Vassallo qal ukoll li hemm skema ohra fejn tista tapplika ghal fondi biex jitnaddaf il-wied u jittella hajt tas-sejjieh biex il-post ikun jista jsir fejn wiehed jista jirrikrea ruhu.

c. Mill-MEUSAC ircevejna informazzjoni kif nistghu napplikaw ghal fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

d. Mill-Ghaqda Maltija ta' L-Ortikultura ircevejna cirkulari rigward il-wirja annwali bl-isem "The Great Spring Show" li se tkun fi tmiem il-Gimgha tas-Sibt 2 u l-Hadd 3 ta' Mejju 2009.

e. Mill-MEPA ircevejna Applikazzjonijiet bin-Nru 677/09 fejn fi Triq il-Fjgel se tinbidel parti minn garage f'hairdressing salon, Nru. 859/09 biex jitkabbar hanut li hemm diga fi Triq iz-Zejtun kif ukoll li zewg garaxxijiet fi Triq Birzebbugia jinbidlu f'hanut, Nru. 931/09 biex isiru xi alterazzjonijiet u estenzjonijiet f'dar fi Triq il-Gudja k/m Triq San Filippu, Nru. 1007/09 biex isiru alterazzjonijiet fil-faccata u ssir games room fit-tieni sular fi Triq San Sebastjan Saliba.

f. Ittra minghand resident li joqghod fil-Bypass ta' Hal Ghaxaq biex jitnehha materjal li hemm fi Triq San Gorg ghax qed jikkaguna periklu ghall-karozzi, kif ukoll jinzabru sigar tat-tin li hargu fuq it-triq.

g. Stedina ghas-Sindku ghal Jum il-Premjazzjoni ghas sena Skolastika mill-Kullegg San Benedittu.

h. Minghand l-Ispettur Mario Tonna biex jara jekk hemm il-htiega li jiltaqgha mall-Kunsill sabiex jiddiskutu problemi dwar it-traffiku.

i. Il-Mental Health Association infurmatna li ser isir kors ghal qraba w membri tal-familja ta' persuni b'mard mentali. Dan il-kors ser isir li Sptar Boffa u jikkonsisti fi hdax il-lezzjoni.

j. Minghand il-Wise Owl ircevejna diversi kotba biex nikkunsidrawhom ghal-librerija tal-Kunsill.

k. Il-Kunsill Skolastiku tal-Kullegg San Tumas More stiednu is-Sindku ghall-Ghoti tal-Premjijiet.

l. L-Onor. Chris Said baghat stedina lis-Sindku ghal Business Breakfast nhar it-Tlieta 21 ta' April 2009 fit-8.30 ta' filghodu fil-Grand Hotel Excelsior biex jinghataw dettali dwar ir-riformi li ser isiru fil-qasam tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku attenda din il-laqgha u qal li l-iktar li enfasozza l-Onor. Said kien ir-riforma li ser issir fuq it-toroq u fuq l-indafa.

m. Il-Fondazzjoni OASI nfurmatna li bdiet it-thejjijiet ghall-attivita Nazzjonali ta' Zaghzugh/a tas-Sena 2009.

n. Stedina mill-Kappillan ghall-Processjoni bid-Driegh ta' San Pawl u quddiesa fil-Knisja Parrokkjali nhar il-Hadd 26 ta' April 2009 fil-5.00pm, kif ukoll stedina ghal quddiesa fil-Knisja Parrokkjali preseduta mill-E.T. Mons. Guzeppi Mercieca, Arcisqof Emeritus nhar is-Sibt, 2 ta' Mejju 2009, fis-6.00pm fl-okkazjoni tal-225 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali.

Il-Vici Sindku qal li ma jistax ikun li kull darba f'Jum Hal Ghaxaq il-Kappillan jaghmel attivita tieghu. Il-Kappillan jaf li l-ahhar Hadd ta' April ikun Jum Hal Ghaxaq u ghal ebda raguni ma ghandu jivvinta xi haga, la hu u l-ebda Ghaqda fir-rahal. Il-Kappillan ghandu jigi infurmat b'ittra li filwaqt li nirrispettaw lil xulxin l-ahhar hadd ta' April issir l-okkazjoni ta' Jum Hal Ghaxaq biss. Il-Kunsill qabel.

o. L-esibituri tal-Karozzi Ferrari infurmawna li mhux ser ikunu jistghu jattendu ghal Jum Hal Ghaxaq.

p. Il-Kumitat Kongunt infurmana li ser issir laqgha nhar l-Erbgha 22 ta' April fl-16.30hrs, it-Tribunal iz-Zejtun.

q. Stedina ghas-Sindku minghand Onor. Chris Said ghal laqgha dwar it-tibdil li ser isir fil-qasam tal-Kunsilli Lokali li ser issir nhar l-Erbgha 22 ta' April 2009 il-Kavallier ta' San Gakbu, il-Belt.

r. Minghand Dr. Stefan Buontempo ittra lis-Sindku biex iresaq kummenti ghat-tishih tal-process ta' tigdid tal-Kunsilli Lokali.

s. Mid-Dipartiment tal-Gvern ircevejna li Skeda ta' l-Elezzjonijiet.

## 3. <u>Estimi 2009-10</u>

Il-Vici-Sindku nforma lill-Kunsill li f'20 ta' April 2009 saret il-laqgha Nru. 14 tal-Kumitat tal-Finanzi tal-Kunsill. F'din il-laqgha tressaq it-tieni draft tal-Budget (Appendici A), qal ukoll li bejn l-ewwel draft u t-tieni draft ftit kien hemm differenza. Dan ma jkunx ta' l-ahhar ghaliex jekk ikun hemm proposti fil-laqgha generali dan ikun irid jinbidel. Mistoqsi x'jista jinbidel is-Sur Abdilla qal li jekk per ezempju minflok jitrangaw it-toroq jigi deciz li ssir xi haga ohra, il-budget jinbidel, wara issir laqgha tal-Kunsill biex japprova dan it-tibdil. Qal ukoll li mad-dhul tal-Kunsill ghadhom iridu jizdiedu ir-*retained funds*

Is-Sur Abdilla qal li kemm il-Business Plan 2009 - 2012 u r-Rapport Annwali (Appendici B u C) kienu diskussi w approvati.

Is-Sur Abdilla bhala ic-Chairperson tal-Kumitat irrakkomanda li jkun adottat suggeriment li l-Kunsill japprova d-deliberazzjonijiet u d-decizjonijiet li ttiehdu u jsiru tal-Kunsill. Il-proposta kienet sekondata mis-Sinjura Muscat. Il-Kunsill qabel.

4. **<u>Part-time Clerk</u>**

Is-Segretarju irceviet risposta minghand id-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-*part-time clerk* u l-ftuh tal-Kunsill nhar ta' Sibt.. Id-Direttur wiegeb li ma hemm ebda oggezzjoni li l-Kunsill jiftah is-Sibt, dwar ir-responsabilita ta' l-individwu, id-Direttur wiegeb li s-Segretarju ghandu jigbed l-attenzjoni li din il-persuna se jkollha r-responsabilita tal-ufficcju tal-Kunsill u jekk is-Sindku w l-Kusilliera jaccetaw dan jiehdu r-responsabilita huma.

Is-Sindku qal li hu jixtieq li l-Kunsill jimpjega persuna part-time biex tahdem fuq l-applikazzjonijiet ghal fondi mill-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk il-persuna impjegata tista tigi mitluba mill-kunsill biex jghamel xoghol fl-ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Abdilla qal li fir-riforma tal-Kunsill Lokali ntqal li l-Kunsilli kollha se jibdew jifthu is-Sibt u ghalhekk il-Kunsill l-ahjar jistenna r-riforma tigi fis-sehh u wara naraw x'se jigri. Il-Kunsill qabel.

5. **<u>Jum Hal Ghaxaq</u>**

Is-Sindku qal li l-programm ta' Jum Hal Ghaxaq kien diga' gie deciz fil-laqgha tal-Kunsill precedenti. Kien biss se jsir tibdil fil-hin tar-riceviment u l-ghoti ta' Gieh Hal Ghaxaq, ghax issa l-Kunsill qabel li dawn isiru wara li tinkixef il-lapida w tqeghid ta' kuruni.

Is-Sindku ppropona ukoll li jaghmel arrangament mal-Kazini tal-Banda biex dawn idoqqu flimkien u mal-Kappillan ghal hin tal-Quddiesa biex flok fl-10.30am din issir fil-11.00am. Qal ukoll li se jiehu hsieb igib l-istandardi. Il-Kunsill qabel ukoll li l-President ta' Malta jinghata tifkira ta' l-okkazjoni kif ukoll kopja tal-ktieb "Hal Ghaxaq u Niesu". Il-Kunsill qabel ukoll li jinkrew madwar 150 siggu ghal waqt il-programm li se jsir barra l-Kunsill kif ukoll jithaddem kennies extra f'din il-gurnata.

Dwar ir-riceviment fl-okkazjoni ghal Jum Hal Ghaxaq, wara li s-Segretarju kisbet tliet stimi ghal-ikel, gie deciz li l-ikel jingieb minghand il-Primavera u din id-darba jkun hemm 4 waiters. Il-Kunsill qabel mal-proposti li saru.

## 6. Suggerimenti mill-Kunsilliera

1. Il-Kunsill qabel li l-fuljett isir forma ta' messagg wiehed u messagg minghand is-Sindku w jigu inkluzi ritratti ta' progetti li saru. Is-Sindku qal li jehtieg nibghatu ittri lil kumpaniji Go, Vodafone u Melita, lill-Banek HSBC u BOV kif ukoll lill-kuntratturi biex dawn jirreklamaw fil-fuljett. Il-Vici Sindku qal li il-materjal irid ikun migbur sal Gimgha 1 ta' Mejju 2009. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li nordnaw tliet arbli ghal bnadar biex dawn jitpoggew barra il-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li hemm cangatura tal-franka fi Triq il-Hannieqa hdejn id-djar tal-Gvern li trid tinbidel. Il-Kunsill qbael.

4. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-htiega li jsiru zewg tabelli biex juru fejn tinsab il-librerija u ohra biex ma jarmux zibel Bir-id-Deheb. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li hemm bzonn tinkera gaffa biex Trejqet Torri ta' Kalamija titnaddaf. Il-Kunsill qabel.

6. Il-Vici Sindku qal li dak li jipparkja li scammel hdejn il-banka tal-lottu Bir id-Deheb qieghed jipparkja wiccu l-barra w ir-riha ta' li scammel tidhol kollha ghand tal-banka. Il-Kunsill diga kiteb lil din il-persuna dwar dan.

GĦAXAQ

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku ressaq l-aggornament tas-Seduta fl-4.00pm ghal nhar it-Tlieta 28 ta' April 2009 fis-6.00pm ghal-Laqgha Annwali segwita b'laqgha tal-Kunsill , peress li l-Aġenda ġiet eżawrita.

**Emanuel Vassallo** **Therese Xuereb**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati t-Tlieta 28 ta' April 2009</u>**